**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Kaled Gamhur**

**Illum, 16 t'Awwissu, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kaled Gamhur**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 427000L;

Akkuzat talli:

nhar is-16 ta' Awissu 2016 bejn id-disgha u l-ghaxra ta' filghodu (*09:00 – 10:00 Hours*), fi Triq San Gwann kantuniera ma Triq l-Ifran fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' telefon cellulari minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ILY-029, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu

(€232.94c) izda huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Ivan Farrugia u/jew ta’ persuna/i ohra;

2. Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta’ ‘*Probation*’ hekk kif moghtija nhar is-07 ta’ Mejju 2015, mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma’ tistax tinbidel;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50 261, 271 (g), 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai termini tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna wkoll il-hrug fil-konfront tieghu ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett snin taht l-artiklu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema perjodi fl-imsemmija sentenza ghandhom jiddekorru wara li jiskadu l-perjodi ta' zmien ai termini tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2015 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat Antonio Vella.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur